# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Diċembru, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 496/2020 TA**

**David Vella (Trading) Limited (C-25293)**

**vs**

**Popular Marketing Limited (C-53146), u**
**Thomas Diacono detentur tal-karta tal-identita' numru:127885(M) miżjud bħala konvenut skond digriet datat 2 ta' Frar 2022.**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' David Vella (Trading) Limited (Is-Soċjeta' Attriċi tal-25 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu wara li ġie korrett b'digriet ta' din il-Qorti fit-2 ta' Frar 2021 ippremetta u talab is-segwenti:

1. ''Illi s-soċjeta' intimata tiġġestixxi u, jew kienet tiġġestixxi numru ta' ristoranti bl-isem ta "New York Best" u "Fat Louie's." Dawn l-istabbilimenti jinsabu/kienu jinsabu ġewwa Triq Paceville, San Giljan, University Heights, l-Imsida u x-Xatt ta' Qui Si Sana tas-Sliema;

2. Illi s-soċjeta' attriċi tbigħ prodotti tal-ikel fosthom ħxejjex u frott;

3. Illi s-soċjeta' attriċi biegħhet diversi prodotti u ħxejjex lis-soċjeta' intimata, li xtrat tali prodotti għar-ristoranti li hija tiġġestixxi, skond statements hawn annessi u mmarkati DOK A u DOK B.

4. Illi fid-data tal-preżentata ta' din il-kawża, I-ammont kumplessiv dovut mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti huwa dak ta' disgħa u għoxrin elf ewro, erba' mija u tletin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€29,430.87);

5. Illi minkejja li ġew mibjugħa dawn il-prodotti inkluż frott u ħxejjex, u li s-soċjeta rikorrenti bagħtet bosta fatturi sabiex is-soċjeta' intimata tħallas għal dak mibjugħ lilha, is-soċjeta' intimata baqgħat ma ħallsitx dawk l-ammonti dovuti minnha;

6. Illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat lis-soċjeta' intimata għall-ħlas diversi drabi, kemm bil-miktub u kif ukoll bil-fomm iżda s-soċjeta' intimata baqgħat inadempjenti;

7. Illi sa fejn taf ir-rikorrenti, l-intimata ma għandhiex eċċezzjonijiet validi fil-liġi x' tagħti sabiex tilqa' għat-talbiet tar-rikorrenti;

8. Illi għalhekk, jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċeduri Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża tinstema u tiġi deċiża bid-dispensa mis-smiegħ.

9. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara li l-intimati għandhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' erbgħa u tletin elf, erba' mija u tletin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€34,430.87), rappreżentanti fost l-oħrajn flejjes dovuti lis-soċjeta' rikorrenti tal-valur tal-prodotti fosthom ħaxix u frott mibjugħ lis-soċjeta' intimata u spejjeż inkorsi mis-soċjeta' esponenti sabiex tottjeni l-ħlas tal-ammonti dovuti lilha;

3. Tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' erbgħa u tletin elf, erba' mija u tletin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€34,430.87).

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment u bl-imgħax dekoribbli skont il-liġi kontra s-soċjeta' intimata li r-rappreżentanti u uffiċjali tagħha huma minn issa inġunti in subizzjoni''.

**Skond digriet mogħti fit-2 ta' Frar 2022**

Rat li r-rikors ġuramentat kif korrett ġie notifikat lis-Soċjeta' Marketing Limited (is-Soċjeta' konvenuta) u lil Thomas Diacono (il-konvenut) b'dana kollu baqgħu ma' għamlu ebda risposta ġuramentata kif titlob il-liġi.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-Kawża.

Rat stante il-kontumaċja tal-konvenuti, li dawn mogħtija id-dritt mogħtija lilhom ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet baqgħu ma prevalixxewx rwieħhom minn dan il-benefiċċju.

Rat li l-Kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Din il-kawża kienet oriġinarjament istitwita bil-proċedura speċjali straordinarja ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta pero' ġiet trattata bil-proċedura ordinarja tant li fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2022 ġie dikjarat li t-terminu għar-risposta ġuramentata kien għaddej. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li filwaqt li r-rikors ġuramentat huwa mogħni bl-avviż kif irid l-artikolu 156 (1)(a) u ċioe' meta l-kawża ma tkunx bil-giljottina. It-talbiet minn naħa l-oħra kienu ai termini tal-artikolu 167 et. Kien għalhekk li din il-Qorti ħasset li kellha tagħti żmien 20 jum għar-risposta wara li l-konvenuti ġew debitament notifikati skont il-liġi. Kien għalhekk ukoll li applika l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Dak li qed titlob is-Soċjeta' Attriċi huwa l-ħlas ta' prezz rappreżentanti ammont bilanċjali skont l-istatements minnha esebiti (dok A u B mar-rikors ġuramentat).

Dawn kienu jinbiegħu lis-Soċjeta' kovenuta sabiex da parti tagħha tużhom fil-ġestjoni ta' restaurants tagħha bl-isem ta' "New York Best" u "Fat Louie's".

**Ikkunsidrat**

Fil-mori ta' din il-kawża. Permezz ta' nota tal-15 ta' Lulju 2020, preżentaw kuntratt notarili datat 7 ta' Lulju 2020 fl-atti tan-nutar Sarah Ellul li permezz tiegħu s-Soċjeta' konvenuta kkostitwiet lilha nnifisha f'ammont li huwa akbar minn dak li qed jintalab f'din il-kawża bil-modalitajiet u termini ta' ħlas kif stipulat fl-imsemmi kuntratt. Fl-istess kuntratt il-konvenut Simon Peter Diacono ikkostitwixxa ruħhu garanti solidali mas-Soċjeta' konvenuta qua debitriċi prinċipali bħal garanzija għall-ħlasijiet li kellhom isiru, dejjem skont it-termini tal-kuntratt inkwistjoni.

B'konsegwenza ta' dan l-iżvilupp, is-Soċjeta' Attriċi preżentat numru ta' rikorsi li ġabu magħhom numru ta' notifiki bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni u dan wara li anke issejjaħ fil-Kawża l-konvenut Diacono. Is-Soċjeta' Attriċi flok ikkunsidrat li iċċedi l-Kawża u timxi skont il-kuntratt fuq imsemmi għażlet li tillapazza din il-Kawża b'ħafna tibdiliet li ma għenu xejn la għaċ-ċelerita' tal-proċeduri u wisq anqas iċċaraw l-affarijiet fid-dawl tal-premessi tar-rikors ġuramentat, it-tibdiliet li saru fiħ u l-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi fil-mori tal-Kawża.

Jibda biex jingħad li *"ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 5 minn 7 Qrati tal-*

*Gustizzja eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti."* (Ara **Vol XXIX pIII p35**). Anzi din il-Qorti tgħid li jkun hemm istanzi fejn ikun aħjar għall-Attur li jkun hemm kontestazzjoni milli kontumaċja għaliex dawn il-Qrati jħossuhom aktar imtaqqla mid-dmir li jħarsu l-interessi ta' min ma jweġibx.

Jidher li l-Attur ma rrejalizżax li bil-kuntratt ta' kostituzzjoni ħoloq novazzjoni "*Novazzjoni hi mod kif tispiċċa obbligazzjoni. Skont l-artikolu 1179 tal-Kodiċi Ċivili, meta debitur jikkuntratta dejn ġdid mal-kreditur li jitqiegħed flok il-qadim, id-dejn l-antik jispiċċa. L-artikolu 1181(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li 'ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tiġix maqtula, għalkemm tiġi mibdula.' Hekk ukoll, in-novazzjoni ma tistax tkun preżunta. L-intenzjoni li ssir għandha tidher biċ-ċar u dan skont l-artikolu 1180(2) tal-kodiċi Civili"* (Ara **Sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet Joseph u Margaret konjuġi Gatt et -vs-. Peter u Doris konjuġi Agius, Qorti tal-Appell**).

Issa dawn il-Qrati jgħidu ukoll li "*Kif ġa ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju, 1956, in re Paul Koludrovich vs Carmelo Muscat, ikun hemm novazzjoni oġġettiva meta ssir obbligazzjoni ġdida li tiġi sostitwita għal oħra pre-eżistenti li b'hekk tiġi estinta. Iżda b'liġi espressa, in-novazzjoni ma tistax tiġi preżunta u l-animus novandi għandu jirriżulta b'mod ċar u univoku. Inoltre, '<u>in-novazzjoni oġġettiva taċita</u> għandha tirriżulta minn inkompatibilita bejn l'id quod actum est u l-esklużjoni tal-volonta' li ssir*

*novazzjoni'* (**Vol. XXIX.iii.80**). Inoltre ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-antika ma tiġix maqtula, imma sempliċiment modifikata (**Vol. XXXI.i.753**), għaliex billi ssir modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruħha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni ġdida in sostituzzjoni għall-antika, li tiġi mill-partijiet imħassra (**Vol. XXXV.ii.607**).

Issa il-Qorti tosserva li mentri dak li qiegħed jintalab permezz tar-rikors ġuramentat għandu bħala *causa* bejgħ bl-ingrossa, l-ammont mertu ta' dak il-kuntratt il-causa hija il-kostituzzjoni ta' debitu fiha nnfisha. L-ammont ma hux dovut aktar bħala prezz ta' merkanzija mibjugħa iżda in virtu' tal-kostituzzjoni ta' debitu fiha nnifisha. Dan l-ammont huwa imsaħħaħ anke bil-garanzija personali tal-konvenut. Li tassew ma tistax tifhem kif qatt tista' tilqa' it-talbiet Attriċi meta fid-dawl tal-kuntratt imsemmi ma hemm xejn fil-premessi li jirrifletti dan. Iżda apparti dan kollu, kif tista' din il-Qorti tilqa' it-talbiet meta ma hemm xejn fl-atti u wisq seta' jkun hemm, li l-pagamenti hemm imsemmija ma sarux. L-ammont fil-Kostituzzjoni ta' debitu jikkomprendi fiħ dak li qed jintalab fir-rikors ġuramentat b'differenza waħda kbira, qabel kollox l-ewwel irid ikun hemm il-morożita' fil-ħlasijiet mifthema. Argument ieħor li jkompli jsaħħaħ in-novazzjoni. Fil-fhema ta' din il-Qorti, il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu b'kundizzjonijiet għal kollox distinti mill-kreditu oriġinali, qatel kull relazzjoni li kienet teżisti qabel bejn il-partijiet u li kienet waslet lis-Soċjeta' Attriċi biex tippreżenta r-rikors odjern.

Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tiċħad it-talbiet Attriċi filwaqt li tirriservalha si *et quatenus* kull azzjoni li jista' jkollha naxxenti mill-kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu fuq imsemmi.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad** it-talbiet Attriċi.

Spejjeż għas-Soċjeta' Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**